GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **14 t' Ottubru 2022** **Ref: DDLTS 26/2022**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett:** **EU Code Week 2022**

---

L-EU Code Week hija avveniment li fil-qofol tagħha tiċċelebra l-iżvilupp tal-computational thinking, coding u l-kreattività diġitali. Din is-sena jaħbat l-għaxar anniversarju tal-EU Code Week li se ssir bejn **it-8 u t-23 t'Ottubru 2022**. Inħeġġuk torganizza jew tingħaqad f' attività billi tagħżel tema, udjenza speċifika u żżid l-attività fil-mappa, jew tfittex attivitajiet li jsiru f'Malta. Aktar attivitajiet dwar EU Code Week jistgħu jiġu organizzati wara t-23 t'Ottubru 2022. L-attivitajiet tal-EU Code Week jistgħu jiġu rreġistrati sa l-aħħar ta' Diċembru 2022 fuq is-sit elettroniku tagħhom (https://codeweek.eu/ ).

L-EU Code Week hija popolari ħafna mal-edukaturi Maltin. L-edukaturi jistgħu jagħmlu użu mis-sit tal-EU Code Week biex jikkonsultaw numru ta' riżorsi għat-tagħlim. Fil-learning bits, l-edukaturi jistgħu jniżżlu pjanijiet tal-lezzjonijiet iffukati fuq computational thinking u coding.

**Webinar: Il-Ħamis 20 t'Ottubru 2022 fl-16:00**

Bħala parti mill-kampanja tal-EU Code Week ta' din is-sena, id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali qiegħed jistieden lill-edukaturi kollha biex jattendu webinar li se jsir il-Ħamis 20 t'Ottubru 2022 fl-16:00. Matul dan il-webinar, l-edukaturi se jkollhom iċ-ċans jifhmu iktar il-valuri wara din l-inizjattiva u jesploraw kif jistgħu jieħdu sehem attiv fiha. L-edukaturi li jattendu għal dan il-webinar se jkollom iċ-ċans jesploraw il-portal tal-EU Code Week, il-Code Week 4 All Challenge u se jaraw kif jistgħu jirreġistraw u jirrapportaw l-attivitajiet tagħhom. Dawk l-edukaturi li jixtiequ jattendu għal dan il-webinar huma mħeġġa jimlew din il-formola. Dan it-taħriġ qed jiġi organizzat u implimentat mid-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali

Għal aktar informazzjoni dwar l-EU Code Week tistgħu tikkuntatjawna fuq digital-literacy@ilearn.edu.mt jew iżżuru s-sit elettroniku tagħna.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**